SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SITT KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 24-14

Illum It-Tnejn 17 ta' Frar 2014 il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4.30pm.

### PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello u Victor Camilleri

### ASSENTI

Il-Kunsilliera Caroline Galea ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba luttu fil-familja.

L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa minħabba mpenji relatati ma' l-istudji tagħha.

### TALBA

Is-Sindku qal it-talba. Huwa qal li f'isem il-Kunsill xtaq iwassal il-kondoljanzi li familja Galea għat-telfa li sofriet.

### 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 23-14 li saret nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Jannar 2014 kif ukoll il-Minuti tal-Laqgha tal-Lokalita' li saret it-Tnejn, 3 ta' Frar 2014 ġew moqrija u approvati.

### 1.1 *Mill-Minuti*

### *1.11 Parking Bays fi Triq Prinjoli*

Il-Kunsillier Joe Bonello rrefera għal *parking bays* li kellhom isiru fi Triq Prinjoli u qal li dawn għadhom ma sarux. Is-Sindku qal li x-xogħol fuq dawn il-*parking bays* huwa ordnat u ser isir fil-ġranet li ġejjin.

### *1.1.2 One way system fi Triq Inez Soler*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-*one way system* fi Triq Inez Soler issa ġiet attwata. Huwa qal li ġew infurmati wkoll l-agenzija tal-*wardens* biex ikun jista' jsir l-infurzar ma min jibqa jinjora s-sinjali tat-traffiku f'din it-triq.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-18 ta' Jannar 2014 u s-17 ta' Frar 2014 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha flimkien ma' l-Minuti numru 23-14(17-01-2014),

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 107-14-O – ReAction Sacile Italy – *travelling arrangements*
- 145-14-O – Trasport Malta – Route X2 u X3
- 150-14-O – Awtorita' tad-Djar – *Stairlift* fi Blokk A Triq Tursin il-Bir
- 153-14-O – Resident Triq Tursin il-Bir – Ittra ta' Ringrazzjament
- 165-14-O - Ministeru tat-Turismu – Vot 16 - Rapport mis-Sindku u Ambaxxatrici taz-Żgħażagħ

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0103-14-I – French Boys' Choir
- 0122-14-I – Transport Malta - Venda Triq Guljetta Lopez
- 0125-14-I – Memo 5/2014 Skema ta' Ghajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat tal-Kunsill:
- 0129-14-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali - *Live Streaming*
- 0132-14-I – Memo 4/2014 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandom ir-responsabbilta' ta' Libreriji Lokali
- 0135-14-I – Memo 4/2014 – Ħaddiema tal-IPSL, Ex-WSC u tal-Iskemi ta' l-ETC fil-Kunsilli Lokali
- 0149-14-I – Kumitat Tismija ta' Toroq – ismijiet tat-toroq, pjażeż u sqaqin
- 0170-14-I – Resident Triq id-Dalja - Ilment
- 0171-14-I – Local Councils Associaition- SMILEGOV
- 0176-14-I - Director Special Olympics Malta – *request for donation*
- 0179-14-I – AIS Environment – Sustainable Energy Projects and training
- 0188-14-I – Corradino Corrective Facility – *Community Work*
- 194-14-I – St Benedict College – *Career Exposure 2014*
- 195-14-I – Trasport Malta – *Resurfacing* ta' parti minn Triq Klematis u Triq il-Kaħwiela
- 074-14-I – Residenti Triq Helen Buhagiar – Proposti Dom Mintoff

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżenati lil Kunsill:*

- SLLC Memo 02-2014 - Laqgħa tal-lokalita' 2014 u *Live Streaming*
- SLLC Memo 03-2014 – Xogħolijiet u Ġbir ta' skar imħallat quddiem Flats Independenza
- SLLC Memo 04-2014 - Bring in Site fi Triq Prinjoli
- Dokument maħrug mill-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali – Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0103-14-I, is-Sindku qara korrispondenza dwar proposta mill-French Boys’ Choir li qiegħed fil-proċess li jorganizza *tour* f’Malta mill-10 ta’ Lulju 2014 sal-21 ta’ Lulju 2014. Fil-proposta tagħhom it-*tour managers* ta’ dan il-kor qed jipproponu li dawn it-tfal jiġu ospitati għall-lejl jew tnejn minn familji f’Santa Lucija biex dan il-kor ikun jista’ jagħti kunċert fil-lokalita’. Is-Sindku qal li kien ser jipprova jara jekk dan il-kor jistax jigi ospitat f’dar li toffri akkomodazzjoni f’Ħal Tarxien.

**3.2** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0122-14-I is-Sindku qara *e-mail* minn Transport Malta li tikkonferma li fl-iskeda l-ġdida tat-trasport pubbliku ser tingħata attenzjoni biex ir-residenti f’Santa Luċija ikunu moqdijin b’iktar minn rotta waħda. Huwa qal li l-*e-mail* tikkonferma wkoll li l-venda ser terġa tmur fi Triq Ġuljetta Lopez.

**3.3** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0125-14-I is-Sindku, s-Sur Frederick Cutajar ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japplika għal skema ta’ finanzjament oħra marbuta mas-servizz ta’ *online streaming*. Huwa qal li b’din l-iskema kif proposta f’Memo 5/2014 il-Kunsill ser jingħata wkoll €1000 fis-sena għal tlett snin konseguttivi li tkopri parti jew l-ammont kollu tal-*istreaming pay plan*. Din il-mozzjoni bin-numru 1-2014 ġiet sekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Terrence Ellul. Il-Kunsill qabel ma’ din il-mozzjoni li kopja tagħha qed tigi annessa ma’ dawn il-minuti.

**3.4** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 0129-14-I is-Sindku reġa rrefera għall-implimentazzjoni tal-*Live Streaming* u nforma l-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien qed jestendi d-data ta’ l-installazzjoni ta’ din is-sistema sat-28 ta’ Frar 2014. Huwa qal li din l-estenzjoni qed tingħata peress li jidher li l-Kunsilli qed jiltaqu ma’ diffikultajiet biex jimplimentaw din is-sistema. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tieni l-orħos offerta tal-Kunsill li nbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma ġietx approvata mid-Dipartiment. Hija qalet li l-istess kuntrattur li għamel din l-offerta diġa daħal fi ftehim ma Kunsilli oħra li x’aktarx bdew jittrażmettu. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib aktar informazzjoni f’dan ir-rigward.

**3.5** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 132-14-I is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-Kunsill japplika u jaċċetta li joħrog €600 f’xiri ta’ kotba biex b’hekk jingħata l-istess ammont ta’ flus mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jridu jintefqu biss f’xiri ta’ kotba. Din il-mozzjoni bin-numru 2-2014 ġiet sekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Terrence Ellul. Il-Kunsill qabel ma’ din il-mozzjoni li kopja tagħha qed tiġi annessa ma’ dawn il-minuti.

**3.6** B’referenza għall-korrispondenza bin-numru 135-14-I il-Kunsill innota Memo 6\2014 li ttitratta dwar il-ħaddiema ta’ ETC assenjati mal-Kunsill.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 149-14-I il-Kunsill innota korrispondenza mill-Kumitat Tismija ta' Toroq fejn il-Kunsill qed jingħata ċ-ċans li jekk irid ibiddel xi isem ta' xi triq jista jagħmel dan billi jibgħat il-proposti tiegħu lil dan il-Kumitat. Is-Sindku stieden lil membri tal-Kunsill biex irresqu xi suġġeriment f'dan ir-rigward.

**3.8** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 170-14-I il-Kunsill innota ittra ta' resident fi Triq id-Dalja li lmenta dwar il-fatt li ħdejn l-iskip il-bajda, li qiegħda għall-użu tal-ħwienet biss, qed jitħallew boroż taż-żibel li qed jinħarġu f'kull ħin tal-ġurnata mingħajr kontroll. Fl-ilment tiegħu dan ir-resident qal ukoll li l-qtates qed jagħmlu ħerba b'dawn il-boroż taż-żibel bil-konsegwneza li dan iż-żibel jixtered madwar l-*area* kollha. Permezz ta' din il-korrispondenza li magħha ntbagħtu wkoll xi ritratti, dan ir-resident ippropona li titneħħa l-iskip il-bajda u ssir tabella li tgħid li ħadd ma jista jħalli boroż taż-żibel f'dan il-post partikulari. Il-Kunsill iddiskuta dan l-ilment u qabel li l-iskip il-bajda għanda użu partikulari u ma tistax titneħħa. Kien hemm qbil li l-problema mhux l-iskip izda l-abbuż li jsir mir-residenti li ma joħorgux l-iskart fil-post u l-ħin indikat mill-Kunsill għal dik l-*area*. Il-Kunsill apprezza l-interess ta' dan ir-resident iżda biex tittieħed azzjoni kontra min qed jabbuza irid ikun hemm min lest jitla jixħed li ra lit-tali individwi jarmi ż-żibel mhux fejn suppost.

**3.9** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 171-14-I u 179-14-I il-Kunsillinnota korrispondenza fir-rigward ta' proġetti marbuta ma' *sustainable energy* li jistgħu jkunu qed isiru fil-lokalita' u dwar taħrig b'xejn li qed jigi offrut lil persuni biex ikollom l-informazzjoni necessarja ta' kif jistgħu jintleħqu t-*targets* dwar l-enerġija fil-lokalita'.

**3.10** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 176-14-I il-Kunsill iddiskuta talba għall-għajnuna finanzjarja biex żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-*iSpecial Olympics European Summer Games* li ser isiru f'Antwerp fil-Belgium. Il-Kunsill inkariga lis-Segretarju Eżekuttiv biex tikteb lil *Special Olympics Malta* u tispjegalhom li minkejja li l-Kunsill jixtieq jagħti s-support tiegħu, li l-proċeduri tal-Kunsilli Lokali ma jippermettux li l-Kunsilli jagħtu xi forma ta' donazzjoni la fi flus kif ukoll mhux bi flus.

**3.11** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0188-14-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' uffiċċjali għolja tal-pulizija miċ-Ċentru Korrettiv ta' Kordin dwar il-possibilita' li priġunieri jkunu jistgħu jagħmlu xogħolijiet fil-lokalita' ta' Santa Luċija. Is-Sindku qal li dawn il-priġunieri jaħdmu mit-8.00 a.m sal-4.00p.m u jkunu grupp ta' mhux aktar minn tlieta. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill irid jieħu ħsieb it-trasport ta' dawn il-priġunieri miċ-ċentru ta' Kordin sa' l-post tax-xogħol. Huwa qal li ser ikun qed jara l-ispiża nvoluta fit-trasport ta' dawn il-priġunieri u jinforma l-Kunsill f'dan ir-rigward.

**3.12** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0194-14-I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni li student mill-Kullegg San Benedittu jagħmel esperjenza ta' ġimgħa xogħol fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija.

**3.13** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0195-14-I s-Sindku nforma l-Kunsill li Transport Malta kienet ser tagħmel xogħol ta' *resurfacing* f'parti minn Triq il-Klematis kantuniera ma' Triq il-Kaħwiela. Huwa qal li l-Kunsill ġie kkupjat f'ittra li Transport Malta bagħtet lir-residenti ta' din it-triq biex tinfurahom li x-xogħol ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin. Fil-kummenti tiegħu s-Sindku qal li l-Kunsill kien japprezza kieku din it-triq saret kollha. Ġie nutat ukoll li Transport Malta injorat ir-rapport tekniku li l-Kunsill bagħt lil Transport Malta fir-rigward ta' din it-triq.

**3.14** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 74-14-I il-Kunsill iddiskuta ittra minn resident li ppropona diversi inizjattivi li jistgħu jsiru fil-lokalita' ta' Santa Luċija bħala turija ta' rispett lejn l-ex Prim Ministru ta' Malta l-Perit Dom Mintoff. Il-Kunsill iddiskuta dawn il-proposti u qabel li l-Area tal-Jogging Track tissejjaħ Ġnien Duminku Mintoff peress li ta' sikwiet kien ikun qed jimxi f'dawn l-inħawi li jigi eżatt quddiem ir-residenza tiegħu f'Ħal Tarxien. Il-Kunsill qabel li jara x'inhi l-proċedura biex tiġi fis-seħħ din il-proposta.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### *4.1 Proġett ta' Rinovazzjoni fi Ġnien is-Serenita'*

Is-Sindku informa lil Kunsill dwar l-aħħar żvilluppi li kien hemm fir-rigward tal-proġett ta' Ġnien is-Serenita'. Huwa qal li l-IPPR u l-ELC Ltd waslu għal ftehim fuq il-*landscaping* tal-Ġnien. Huwa qal li ġiet iffirmata *Letter of Intent* fuq din il-fażi tal-proġett li ser tiġi tiswa €120,000.

### *4.2 Attivita' tal-Karnival*

Il-Kunsill iddiskuta l-attivita' tal-Karnival li kienet qed tiġi organiżżata mill-Viċi Sindku u mill-Ambaxxatrici taż-Żgħażagħ. Ġie deċiż li d-dħul għal din l-attivita' jkun mingħajr ħlas. Il-Viċi Sindku qal li din ser tkun attivita għar-residenti ta' kull eta' li matulha ser ikun hemm *animation* u *face painting* kif ukoll mużika u diversi logħob. Kien hemm qbil li kull min jixtieq jattendi għandu jinkiteb fl-Uffiċċju tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li l-ispiza nvoluta hija biss dik tal-kiri ta' *PA System*.

### *4.3 Membership fl-Assocjazzjoni Alda*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar laqgħa li kellu ma' rappreżentanta ta' l-*Association of Local Democracy* - ALDA dwar il-possibilita' li l-Kunsill jaħdem bħala membru ma' din l-assoċjazzjoni fuq proġetti ta' l-Unjoni Ewropea. Huwa ppropona li l-Kunsill jissieħeb f'din l-Assoċjazzjoni u qal li l-*membership fee* tammonta għal €300 fis-sena. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

### *4.4 A+Accessability Award*

Il-Kunsill iddiskuta inizjattiva li għandha l-għan li tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jinvestu f'proġetti li jżiedu l-aċċessibbilita' għall-persuni b'diżabilita' fil-belt jew raħal fejn jgħixu. Is-Sindku qal li kien ġab kwotazzjoni biex isir *lift* fl-entrattura tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill biex b'hekk dan l-uffiċċju jsir aċċessibli għall-persuni b'diżabilita'. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din il-kompettizzjoni billi jressaq din il-proposta ta' *Outdoor Inclined Platform Lift*.

### *4.5 Lampi ġodda fil-JoggingTrack*

Is-Sindku qal li saritlu talba biex jiżdiedu żewġ lampi oħra LED fil-Jogging Track. Huwa qal li dawn il-lampi jistgħu jitwaħħlu fuq arbli eżistenti ta' l-Enemalta fuq pistol *type brackets*. Is-Sindku nforma li l-ispiża nvoluta tammonta għall-€1133.40. Il-Kunsill approva din il-proposta.

### *4.6 Parking Bay fi Triq id-Dalja*

Il-Kunsill qabel li ssir tabella *Parking for Disabled* wara l-ispiżerija fi Triq id-Dalja.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 4927 sa numru 4970 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal perjodu bejn l-20 ta' Jannar 2014 sat-12 ta' Frar 2014 (Skeda numru CM24).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 23-14(17-01-2014).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Jannar 2014 Ammont *Gross* €5302.58

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010628 | 256.50 |
| Nexos Street Lighting | SL(57-09-04) | 2010608 | 527.35 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv. Jan 2014 | 1024.25 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv.Jan. 2014 | 2061.50 |
| Ronald Bezzina | RC(57-10-01) | Serv.Jan.2014 | 2821.50 |
| Ricky Caruana | RM/PF(57-12-02) | 15-01-2014 | 237.50 |
| Koptasin | Sgns & Mkgs | 18801 | 197.23 |
| Koptasin | Sgns & Mkgs | 18799 | 661.10 |
| Koptasin | Sgns Mkgs | 18800 | 172.31 |

## 6 RAPPORT FINANZJARJU GHAS-SENA 2013

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2013**.** Dan ir-rapport ġie mħejji mill-*Accountant* tal-Kunsill is-Sinjura Josianne Debono f'isem D Consulta. Is-Sinjura Debono li kienet ukoll preżenti għal din il-laqgħa tagħt spjegazzjoni tar-rapport u saru xi emendi zgħar li ma kienux ser jaffetwaw ir-riżultat aħħari ta' dan ir-rapport. Hija nfurmat lil Kunsill li din is-sena finanzjarja għalqet b'*surplus* ta' €8107.00 wara li ittieħdet *deprecition* ta' €42241.00 li kienet pjuttost għolja minħabba l-ispiża tar-*resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP, liema nefqa tiġi kapitalizzata. Sar riferiment għaż-żieda fin-nefqa fuq salarji meta din ġiet imqabbla ma' l-istess nefqa tis-sena 2012, ġie spjegat il-fatt li din kienet tinkludi l-paga tal-ħaddiem tal-iskema CIES li mis-sena 2013 l-paga tiegħu ħariga l-Kunsill u tigi *reimbursed* mill-Ministeru Għall-Familja u Solidarjeta Soċjali. Il-Kunsill approva dan ir-rapport finanzjarju kif emendat.

## 7 BUDGET GHAS-SENA 2014

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill *draft budget* għas-sena 2014. Hija tagħt spjegazzjoni ta' l-estimi f'dak li hu dħul u nfieq għal din is-sena. Ġie spjegat li l-allokazzjoni finanzjarja kif ukoll n-nefqa fuq pagi u kuntratti huma dawk attwali. Hija qalet li l-allokazzjoni finanzjarja baqgħet kwazi l-istess bħas-sena ta' qabel għaldaqstant wieħed irid jara li r-*running costs* ma jaqbżux dawk tas-sena 2013. Bħala *capital commitments* il-Kunsill approva l-ispiża ta' €2,300 biex jinxtara il-*Live Streaming equipment*, liema spiża ser tigi *reimbursed* mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Nefqa kapitali oħra kienet dik ta' €26,700 li ġiet allokata għal proġett ta' *underground water reservoir* fi Triq il-Gnien. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li parti minn din l-ispiża ser titħallas minn fondi li l-Kunsill ser jieħu taħt Skema ta' finanzjament ta' Progetti Speċjali kif proposta f'Memo 87\2011. Il-Kunsill approva wkoll spiża ta' €61,993.88 li trid titħallas din is-sena fuq *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP.

## 8 BUSINESS PLAN 2014-2016

Il-Kunsill iddiskuta l-Business Plan għas-snin 2014-2016. Ġie deċiż li peress li din hija l-aħħar sena ta' dan leġislatura, l-Kunsill għandu jibqa miexi ma' l-Business Plan 2013-2015 u għandhom isiru biss xi emendi fejn hemm bżonn. Il-Kunsill qabel li jkun xieraq li jkun Kunsill ġdid li jiddeċiedi fuq proġetti u inizjattivi ġodda għas-snin li ġejjin.

## 9 KUNTRATT WR(57-13-12) – KOSTRUZZJONI TA' *RESERVOIR*

Is-Sindku rrefera għal kuntratt hawn fuq imsemmi u dwar il-fatt li l-kuntrattur li tefa' l-orħos offerta ma tefax il-*bidbond* iżda għamel biss kopja ta' garanzija li għandu fuq kuntratt ieħor ma' l-Kunsill ta' Santa Luċija. Huwa qal li wara li ntalbet il-gwida mid-Dipartiment dwar dan, il-Kunsill hu nfurmat mid-Dipartiment li peress illi l-*Performance Guarantee* li għandu l-kuntrattur huwa fuq kuntratt differenti dan ma jistax jiġi eżentat milli jissottometti *bidbond*. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li jmur għat-tieni l-orħos offerta dik ta' Schembri Barbros Ltd. Is-Segretarju Eżekuttiv ġie inkarigata toħrog il-*Letter of Acceptance* lil Schembri Barbros Ltd. ħalli jibda x-xogħol mingħajr aktar dewmien.

## 10 PROPOSTA GREEN PAK

Il-Kunsill iddiskuta offerta proposta minn Green Pak fir-rigward ta' l-ġbir ta' skart separat li jinġabar mill-*bring in sites* u borża l-ġriża. Il-Kunsill innota li ma kienx hemm ebda titjieb fis-serviżż u l-pendenżi li kienu ġew diskussi ma' Green Mt biex jiġi nġedded il-Kuntatt li għalaq f'Awissu 2013. Għaldaqstant ġie deċiz li l-Kunsill jinforma d-Dipartiment b'din is-sitwazzjoni u jipproponi li jibdel il-kuntrattur.

## 11 KUNTRATT STREET LIGHTING

Il-Kunsill iddiskuta proposta tar-Reġjun Nofsinhar biex il-Kuntratt għall-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq jinħareg mir-Reġjun. Il-Kunsill qabel li jkun parti mill-offerta fir-riġward ta' dan il-Kuntratt kemm 'il darba din is-sejħa tinħareg mir-Reġjun.

## 12 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-7.15 p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tlieta, 25 ta' Marzu 2014 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ..................,...... ta' ..................... 2014**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**